**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru, 2018.**

**Talba Nru: 77/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Judit Hegedus**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fis-26 ta' Frar 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€658.59c) dovuti in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40443656 bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 462/2017, u bl-imghaxijiet.

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici mal-Avviz tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-hlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta' din il-kawza (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratti li l-konvenuta kellha mas-socjeta' attrici (Doki. B1 sa B2, fol. 3-4); (iii) estratt mir-Registru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok. C, fol. 5); (iv) kopja ta' ittra ufficjali ezekuttiva numru 462/2017 (Dok. D, fol. 6-8).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u bl-Avviz tas-Smigh, pero' baqghet ma pprezentatx Risposta u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawza.

Sema' x-xiehda ta' Maryanne Camilleri, *credit control officer* mas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Jidhirlu li din it-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta ampjament pruvata, fil-kontumacja tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€658.59c), bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba fl-Avviz tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**GUDIKATUR**